FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)
ILLUM 29 TA' NOVEMBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Jonathan Ransley

vs

Axel Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 562792M akkuzat talli nhar il-31 t'Ottubru 2016, ghal-habta tal-15.30 ta' wara nofsinar gewwa Marjos, Tal-Handaq, L/O Zebbug;

1. bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe'griehi gravi fuq il-persuna ta' Leon Grech (membru domestiku), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. filwaqt li kien qieghed jaghmel reat kontra s-sigurta tal-persuna u cioe ta' huh Leon Grech, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;
3. fl-istess hin, lok, u cirkostanzi, ghamel lil huh Leon Grech (membru domestiku) ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti;
4. rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula ai termini ta Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija il-Qorti hija mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil huh Leon Grech u r-residenza taghom u kif ukoll il-post li t-tali persuna tiffrekwenta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema bi procedura sommarja mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 41(1)(a), 216, 339 (1)(e), 17 (d), 49 u 50 tal-Kapitlu 9 u Artikolu 55 (a) tal-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: 6 xhur sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona
Magistrat